KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tal-42 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 11 ta' Novembru, 2015 u li bdiet fis-1.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |

**Uffiċċjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatur taż-żgħażagħ:** | Is-Sur Eric Gauci |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 41 – 8, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Ftuħ tal-Kwotazzjoni SNT 05/2015 Tiżjin bid-dawl dekorattiv tal-Milied fi Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li din l-Kwotazzjoni SNT 05/2015 Tiżjin bid-dawl dekorattiv tal-Milied fi Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita nġabret minn żewġ kuntratturi u nxteħtet minn kuntrattur wieħed biss. Din il-kwotazzjoni għalqet nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru 2015, f'nofsinhar.

Il-Kuntrattur li xeħet din l-kwotazzjoni hu Michael Bugeja bil-prezz ta' €1492.00c.

Il-Kunsill qabel ma l-ammont ta' din l-kwotazzjoni u d-disinn tad-dwal u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lill-kuntrattur b'dan u biex jixgħel Triq Sannat u l-Pjazza Santa Margerita fid-dati u l-ħinijiet kif kienu jitolbu l-kundizzjonijiet ta din il-kwotazzjoni.

## 3. Triq il-Kalati

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li issa beda x-xogħol ta' bdil ta' katusi ġodda għas-servizz ta' l-ilma mill-kuntrattur Gatt Construction Co. Ltd. mqabbad mill-W.S.C. u mill-Ministeru għal Għawdex biex wara l-parti ta' fuq ta' Triq Ta' Ċenċ tingħata b'wiċċ ġdid bit-tarmak. Is-Sindku qal li hu ġie nfurmat mill-W.S.C. li Triq il-Kalati ser jinbidlu l-katusi l-qodma ma dawk ġodda tas-servizz ta' l-ilma u ser jagħatu l-parti biss ta' triq fejn ser issir it-trinka ta' dan il-bdil.

Għalhekk is-Sindku qal lill-Kunsill li din it-triq mhux xi triq wiesa u twila, xi darba kienet sqaq u nfetħet triq u ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill biex il-Kunsill jieħu din l-opportunita biex tingħata l-wiċċ kollu tat-triq bit-tarmak. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li għal din it-triq il-Kunsill kien talab stima mingħand l-Perit f'Novembru 2014 u li din kienet ġiet stmata s-somma ta' €11,116.50c. Is-Sindku kompla jgħid li għalhekk huwa tajjeb li wieħed jinnegozzja biex din it-triq tingħata kollha bit-tarmak.

Il-Kunsill għandu jitlob id-differenza ta kemm ser tiġi tiswa din it-triq lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jgħamel resurfacing tal-wiċċ tat-triq kollha u mhux biċċa fejn ser issir it-trinka, dan għaliex it-triq mhix waħda wiesa u b'hekk tkun lesta u kompluta.

## 4. Programm ta' attivitajiet matul is-sena 2016

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu kien iċċirkula b'imejl Memo 30/2015 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Skema dwar Inizjattiva ta' attivitajiet kulturali għall-2016 (minn Jannar sa Diċembru). Hu qal li din l-applikazzjoni tagħlaq nhar l-Erbgħa 25 ta' Novembru 2015, f'nofsinhar.

Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' biex jiddiskuti fid-dettal din l-applikazzjoni ta' attivitajiet kulturali li jista jorganizza l-Kunsill dejjem jekk jibbenefika minn din l-iskema nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru, fl-4.00 p.m.

## 5. Materji oħra

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li matul is-sena 2016 il-Kunsill għandu jkompli jaħdem fuq dawn ix-xogħolijiet u l-proġetti u jekk dejjem jkun possibli jlestihom.

    - Il-water storm culvert fi Triq Ġruwa, biex dan jitlesa.
    - Wiċċ ġdid bit-tarmak ta' Triq Ġerxija, biex ikollna permess mill-Ministru biex il-Kunsill ikun jista jieħu self mill-bank għal din it-triq.
    - Il-possibilta' tal-Uffiċċju tar-Reġjun ta' Għawdex fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.
    - Bye-Law fuq il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini.
    - Il-pjanta uffiċjali ta' Pjazza Santa Margerita dejjem suġġett għall-fondi ewropej 2014 – 2020. Il-Kunsill irid jorganizza laqgħat apposta mall-bord maħtur mill-Kunsill biex jitlestew l-pjanti ta dan il-proġett.
    - Proposta fuq pjanta biex isir proġett fuq il-pjazzetta fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri u Triq il-Blat suġġett wkoll għall-fondi ewropej 2014 – 2020.

- Pumping Station fil-wied ta' Mgarr ix-Xini, l-Kunsill irrid ikompli jaħdem biex il-Kunsill ikollu kuntratt mall-W.S.C. biex nkunu nistgħu napplikaw għad-DNO mall-MEPA u applikazzjoni għall-lift f'din il-pompa.
- Traffic management fil-junction ta' Triq Ta' Ċenċ, Triq Marsilja, Triq tal-Gruwa u Triq Dun Luqa.
- Sqaq Dun Nastas, suġġett għal fondi mill-U.I.F. (MEPA) jew fondi ewropej.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'attivitajiet għal żminijiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

   Hu semmha li l-Kunċert tal-Milied bl-isem ta' The Grand Christmas Concert bis-sehem tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita ser isir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2015, fis-7.00 p.m., fil-Knisja Parrokjali u wara dan il-Kunċert ser tinxtgħel is-siġra tal-awrikarja fil-pjazza ewlenija mill-Ministru għal Għawdex li l-ħlas tad-dekorazzjoni bid-dwal ser isir mis-sezzjoni Christmas in Gozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Wara ser tingħata imbuljata (xarba shuna) mis-Soċjeta Mużikali lill-mistednin.

   Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li ssir ħarġa għat-tfal fejn jmorru jaraw film edukattiv. Il-Kunsill irid isib data u film adegwat għal din l-attivita'.

   Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ġranet ta' tqassim tal-gallettini lill-anzjani għandu jsir fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

   Il-Kunsillieri ssuġġerew li ssir ikla tal-Milied flimkien mall-istaff tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2015. Dwar dan kien hemm qbil. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni ta' Memo 29/2013 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ikliet u riċevimenti.

   Il-Kunsill qabel ukoll li bħas-sena l-oħra jsir treat tal-Milied lir-rappreżentanti tal-kumitati tal-għaqdiet kostitwiti tar-raħal. Dan ser isir nhar l-Erbgħa 6 ta' Jannar 2016, fis-7.00 p.m., fis-sala tal-bini amministrattiv tal-Kunsill.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-Quarterly Reports għal Jannar – Marzu u April – Ġunju 2015 li dawn kienu ċċirkulati b'permezz ta' imejl lill-Kunsillieri għal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti.

4. Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien applika biex jipparteċipa fil-European Week for Waste Reduction u ser jorgannizza dawn l-avvenimenti apposta.

   - Ser isir ġbir ta' ħwejjeġ użati nhar l-Erbgħa 25 ta' Novembru 2015 bejn it-8.30 a.m u 12.30 p.m. bil-għajnuna tal-kumanija GreenPak. B'dan il-għan u bis-sehem ta' min iġib dawn il-ħwejjeġ ser ikun qed jgħin biex tingħata donazzjoni lill-għaqda ambjentali Nature Trust.
   - Ser issir kampanja ta' tindif ta' partijiet fil-lokalita' bl-għajnuna tal-Għaqdiet kostitwiti tar-raħal nhar is-Sibt 28 ta' Novembru 2015, filgħodu.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill lesta tlett offerti fuq xogħolijiet fil-Playing Field fi Triq Marziena. Dawn huma fuq il-kostruzzjoni tar-rampi aċċessibli għal persuni bi bżonnijiet speċjali, playing equipment għal persuni bi bżonnijiet speċjali u dik ta' railing, gate u fence tal-ħadid. Il-Kunsill għandu jara x'għad fadal fondi mill-U.I.F. tal-MEPA biex ikun jista jkompli b'dawn ix-xogħolijiet.

6. Is-Sindku nforma li fuq ix-xogħol ta' Miżura 313 (2nd call) Pjazzetta tax-Xelina sar it-twaħħil tal-fanali u li saret it-talba lill-Inġiniera tal-Enemalta biex dawn jinxtegħlu fl-iqsar żmien possibli. Li għad fadal huma l-interpretational panels u l-arma tal-irħam fin-nofs tal-pjazzetta madwar il-madum tal-porfido.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur Peter Paul Said iffirma l-kuntratt ta' kisi ta' ta' parti minn Triq Mġarr ix-Xini bil-konkos b'impatt ambjentali minimu u li dan x-xogħol għandu jsir bejn id-9 u l-25 ta' Novembru, 2015. Is-Sindku qal li llum stess ltaqgħu fuq il-post il-Kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill.

8. Is-Sindku qal li fuq talba li kienet saret, sar it-twaħħil taż-żewġ bollards fl-isqaq ta' Triq Xamgħan.

9. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li d-Director Operation (LESA) bgħatet imejl biex isir laqgħa apposta dwar il-Green Wardens. Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa.

10. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru diversi talbiet għal bozoz ġodda fil-lokalita'. Dawn huma għal bozza waħda f'dawn it-toroq: Triq Dun Xand Aquilina, Triq it-Tilliera, Triq Durell, Triq Mġarr ix-Xini, Triq Ta' Xamgħan. Żewġ bozoz fi Triq Bardan, tnejn oħra fi Triq ġdida fi Triq Saguna, shifting ta bozza fi Triq it-Tin, shifting ta' bozza fi Triq Marsilja u tnejn oħra ġodda, shifting ta' bozza fi Triq il-Blat u tehel oħra ġdida, zewġ bozoz fi Triq 28 ta' April 1688, u ħames bozoz fi Triq Gruwa.

11. Is-Sindku qal lill-Kunsill li ġejna nfurmat mill-Uffiċċju t' Għawdex tal-President Ta' Malta li din is-sena l-President ser terġa tiġi Ghawdex f'kull raħal bħas-sena l-oħra biex jinġabru donazzjonijiet mir-residenti. Il-President ser tkun fil-lokalita' Ta' Sannat nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru 2015 bejn 10.25 a.m. u 11.15 a.m.

12. Il-Kunsillier Bajada semmha l-problema ta' parking fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ser jitlob laqgħa apposta ma Transport Malta.

    Hu qal li fi Pjazzetta tax-Xelina għandhom bżonn li jsiru s-sinjali tat-traffiku ma l-art mill-aktar fis possibli peress li min ikun qed isuq mhux qed josserva r-round about f'din il-pjazzetta.

    Is-Sur Bajada talab ukoll li ghandu jsir ftit patching li xi ħofor fondi u perikolużi fi Triq Saguna. Il-Kunsill qabel ma dan

13. **Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

| | |
|---|---|
| Memo 29/2015 | Iżjed riżorsi umani fil-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali |
| Memo 30/2015 | Skema dwar Inizjattivi ta' attivitajiet Kulturali għall-2016 (minn Jannar sa Diċembru) |
| Memo 31/2015 | Proġetti kurrenti ta' natura kapitali mwettqa mill-Kunsilli Lokali |

## 6. Ilmenti u suġġerimenti

1. Is-Sur Paul Curmi qed jilmenta għaliex il-pipe li kienet saret max-xogħol tal-house connection tad-drenaġġ ta' Sur Kenneth de Martino fi Triq il-Kbira ġie magħluq, dan meta ġa hemm pajp iehor ħdejn il-gibjun taħt it-triq għal bdiewa oħrajn. Il-Kunsill qabel li dan il-pajp sar fi żmien leġislatura oħra u li l-Kunsill preżenti ma għandux x'jaqsam ma dan il-pajp.

2. Is-Sur Noel Vella qed jitlob li jsiru double yellow lines fi Triq il-Kbira quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil Transport Malta dwar dan.

3. Is-Sur John Campbell li joqgħod 23, The Old School House, Triq il-Kbira, qed jitlob biex jiġu miżbura s-siġar tal-ficus li hemm fuq il-bankina tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li jinżabru dawn is-siġar.

   Il-Kunsill qabel li għandhom jinżabru wkoll s-siġar tal-ficus ta' l-iskola primarja fi Triq Sannat peress li qed jħallu ħafna ħmieġ fit-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien informa lill-Head tal-iskola dwar dan, iżda li hi wieġbet li ma għandiex il-fondi meħtieġa biex tagħmel dan. Għalhekk il-Kunsill ser jitlob lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jara jekk il-ħaddiema tagħhom jistgħux jgħamlu dan ix-xogħol taż-żbir tas-siġar. F'dan il-każ il-Kunsill jkollu jikri high up. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni biex meta jsir dan ix-xogħol is-siġra fi Triq Marsilja tiġi miżbura wkoll. Il-Kunsill qabel ma dan.

4. Is-Sinjura Filomena Ricards li toqgħod 27, Triq Gerxija qed titlob li l-bozza mibdula li għada kemm twaħħlet tersaq iżjed l'isfel peress li qed toħloq inkonvenjent lill-familja tagħha kollha. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Kuntrattur biex jara x' jista jsir dwar dan.

5. Xi residenti qed jitolbu biex fi Triq Marziena jiżdied aktar dawl speċjalment fejn hemm il-ground u l-playing field dan għaliex is-siġar li hemm fil-ground mat-triq qed jgħattu d-dawl ta din it-triq. L-Inginier Curmi qed jissuggerixxi li jsiru żewġ bozoz ġodda u għalhekk ser isir talba lill-EneMalta dwar dan.

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saritlu talba biex jerġa jeħel no stoping sign li kien hemm ma pilastu tal-hajt ta' l-iskola primarja u yellow lines fi Triq Sannat, in-naħa tal-iskola. Il-Kunsill qabel ma dan.

7. Mons. Lawrenz Sciberras qed jilmenta dwar l-egħluq bil-bollards ta' Triq Xamgħan. Il-Kunsill qal li dawn saru fuq talba aktar kmieni din is-sena minn ġenituri tat-tfal li jattendu għad-duttrina u l-MUSEUM.

8. Is-Sinjura Mary Jane Vella qed tilmenta biex il-bin li twaħħal quddiem id-dar tagħha fi Pjazzetta tax-Xelina jinqalgħa mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel li jaqla' dan il-bin u jitwaħħlu tnejn oħra bħalu fi Pjazza Santa Margerita.

9. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sezzjoni tal-Beaches fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex talbu biex tinxtara ż-żebgħa għar-railings tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma dan.

10. Is-Sindku qal li xi persuni ġibdulu l-attenzjoni dwar arbli tad-dawl fi Triq tal-Gruwa li qedin il-barra xi żewġ piedi fi triq meta ngħata t-tarmak. Il-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu reflector stickers biex nevitaw kull periklu.

11. Il-Kuntrattur tal-latrini pubbliċi fi Triq Sannat qed jitlob li jsiru lockable soap dispencers minflok dawk li hemm. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

## 7. Skeda tal-Pagamenti għall-ħlasijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 21 (A) (B) (C) biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti.

## 7. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-3.35 p.m. u ġiet aġġornata sine die.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**